**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat:**

**Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Il-Pulizija

vs

Stepan Holland

Illum 7 ta' Lulju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Stepan Holland, Bin Jeremy u Concetta nee Vella mwieled fl-20 ta' Mejju 1993, u residenti 102, fl 4, Triq il-Kappucini, Floriana, Malta li huma kif ġej:

Billi inti akkuzat talli fis-27 ta' Mejju, 2022 ghall-habta ta' 16:52 hrs fi triq Diodorus Scicluna, San Giljan, soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni JCC 079;

1) U b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġunajt offiża gravi fuq il-persuna ta' Mary Grace Pisani mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skond kif iċċertifika Dr. Kim Hallett MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tiġi skwalifikat/a mill-liċenzji kollha tiegħek tas sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-liġi, tnaqqas il-punti mill-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S 65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 226(1)(b) u fil-L.S 65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni

**Ikkunsidrat:**

**PS 1128 G.Sammut** xehed permezz ta' affidavit.

Rat ir-rapport mediku u l-affidavit tat-**Tabiba Dr.Kim Hallett** Med Reg No. 4738 mill-Isptar Mater Dei li ccertifikat l-korrimenti gravi tal-vittma Mary Grace Pisani nhar is-6 ta' Gunju 2022.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Mary Grace Pisani, xehdet hekk:</u>**

Pros: Sinjura inti kellek xi incident?

Xhud: Ehe.

Pros: Spjega il-Qorti x'gara meta kien u fejn?

Xhud: Meta kien fl-aħħar ta' lejn l-aħħar ta' Mejju mingħalija 27th 2022, jien nghidilha ta' Ġiorni hemmek kont tielgha it-triq ta' Ġiorni road triq ta' warajha.

Pros: Lokalita?

Xhud: San Ġiljan kont miexja f'dik it-triq.

Pros: Biex kont miexja sinjura?

Xhud: Bil-karozza tieghi.

Pros: Tghidilna wahda in-number plate?

Xhud: BCN 421, u f'daqqa wahda giet karozza quddiemi dahlet go fija u dahlitni go karozza ohra tal-karozza li dhalt go fihaipprova johrog mil-karozza sadattant gew in-nies qalulu le qalulu tohrog mil-karozza gax hu peress li hu hekk hu ma setghax johrog minn naha tieghi peress li hu gie mieghi hekk umbaghad gew in-nies u qalulu le qalulu jekk trid tohrog mil-karozza ohrog minn naha l-ohra cempilt ir-ragel.

Qorti: Qed taraf il-xi hadd hawnhekk?

Xhud: Ehe lil dak.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Xhud: Kellu vann jew kien jahdem ma tal-posta u cempilt ir-ragel ghedtlu ejja gax kelli incident umbaghd mort l-isptar ghax kont muguha.

Pros: Dak in-nhar lil-min kellimtu dak in-nhar?

Xhud: Gew il-pulizija gew il-wardens fuq il-post umbagħd jiena mort l-isptar mat-tifla ghax kont muguha.

Pros: Wara kemm sinjura mort l-isptar?

Xhud: Forsi siegha u nofs saghtejn aqqas naf ezatt.

Pros: Voldieri intom cempiltu l-wardens ghax ma kellekx ugiegh dak il-hin?

Xhud: Le ghax hi kif kienet il-karozza it-tort kien tieghu stess gax jien kont fi triqti u dahal fija.

Qorti: Halli it-tort sinjura jien niddeċiedi imma qed tghidlek li l-ispettur meta mort l-isptar ghax il-karta li ghandi jien li mort fis-6 ta' Gunju mhux Mejju?

Xhud: Imma ghax mort darbtejn.

Qorti: Fuq l-ewwel darba m'ghandekx karta?

Xhud: Għandi originali, meta mort fit-27th tawni il-pilloli għall-ugiegh ghax kont muguha umbagħad għadda iz-zmien u ħadt dawn il-pilloli u ħassejtni mhux hazin avolja ma stajtix nagħmel certi affarijiet imma ma stajtx insuq umbagħad wara qisu gimgha u nofs wara qomt bil-lejl bl-ugiegh mort l-isptar u qaluli bis-seatbelt I have a broken rib.

Court: U kemm domt biex tfieq minnha din?

Xhud: Il-broken rib nahseb ghamilt 3 months.

Qorti: Bejn l-ewwel darba li mort l-isptar u t-tieni darba li mort l-isptar kellek xi incident iehor?

Xhud: Leee allahres.

Qorti: Deposizzjoni Sospiza.

**<u>Dr.Mario Scerri, xehed hekk:</u>**

Xhud: Iva nahlef, ha nezebbixxi DOK MS ġejt inkarigat biex nara l-Marygrace Pisani ezaminajtha nhar is-16 ta' Frar 2023 dina allegat illi fis-27 ta' Mejju waqt li kienet qed issuq il-vettura taghha f'ta' Giorni intlaqtet mil-ġenb b'vettura oħra b'riżultat li l-karozza taghha giet imbuttata fuq karozza wieqfa din kellha ugieħ fuq sidirha marret l-isptar Mater Dei ezaminawha … … baqet muguha u nhar is-6 ta' Gunju reġet marret lura ħadulha X-Ray u sabulha li kellha frattura tal-10 kustilja fuq in-naħa tal-lemin dina hija lezzjoni ta' natura perdurata u riżultat ta blountroma.

Qorti: Issa għandek xi ħaga xi żżid mar-rapport?

Xhud: M'għandix sinjura.

Qorti: Mela kontro ezami riservat.

**<u>Kayleen Sammut xehdet hekk:</u>**

Pros: X'inhu l-inkarigu tiegħek sinjura?

Xhud: Jiena Customer Care Officer ġewwa il-LESA.

Pros: X'inhu xogħolok eżatt x'jinvolvi?

Xhud: L-ilmenti tan-nies.

Pros: U l-pulizija ġieli jġibulek xi affarijiet?

Xhud: Iva.

Pros: X'tagħmel bihom?

Xhud: Inqassamhom lill-uffiċjali.

Pros: Fil-każ li l-uffiċjal ma jaħdmux aktar magħkom x'jiġri?

Xhud: Nirrifjutawhom ngħidulhom il-pulizija ngħidulhom li m’għadux jaħdem magħna.

**Ikkunsidrat**

Illi r-rapport lill-Pulizija kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni medika tal-korriment saru aktar minn ġimgħa wara l-inċident allegat mill-vittma Mary Grace Pisani. Dan id-dewmien tqajjem dubju serju dwar jekk il-ġrieħi ġewx effettivament ikkawżati mill-impatt in kwistjoni, u għaldaqstant ma jistax jingħad li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubbju raġonevoli li l-korriment ta’ natura gravi soffert mill-vitma kien konsegwenza diretta tal-inċident attribwit lill-imputat f’dawn il-proceduri.

**Decide:**

Ghal daw il-motivi wara li rat l-artikoli 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 u L.S 65.18 Art 36B u L.S 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta issib lil Stepan Holland mhux hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**